MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-4 ta' Novembru, 2020

Appell Inferjuri Numru 75/2019/1 LM

**Kenneth Tabone (K.I. 18984M)**
*("l-appellant")*

***vs.***

**Awtorità tal-Artijiet**
*("l-appellata")*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent, hawnhekk "l-appellant", **Kenneth Tabone (K.I. 18984M)** mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva (minn issa 'l quddiem "it-Tribunal") fit-13 ta' Frar, 2020 (minn issa 'l quddiem "id-deċiżjoni appellata") li permezz tagħha t-Tribunal iddeċieda illi,

*".... jilqa' parzjalment l-appell tar-rikorrent in kwantu jirrevoka d-deċiżjoni appellata fir-rigward taċ-ċaħda tal-applikazzjoni abbażi tal-fatt li ma hemmx bżonn kiosks oħra fl-akkwati, però jżommha ferma in kwantu rifjutata abbażi li tali kiosk jista' joħloq perikolu għat-traffiku u għaldaqstant jilqa' l-eċċezzjonijiet tal-Awtorità intimata in kwantu kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq.*

*Bl-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet."*

**Fatti**

2. Ir-rikorrent istitwixxa proċeduri quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva wara li permezz ta' ittra tal-24 ta' Lulju, 2019 huwa ġie mgħarraf li l-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet b'deċiżjoni meħuda fid-19 ta' Lulju, 2019 ċaħad it-talba tiegħu sabiex l-Awtorità toħroġ '*No Objection in Principle'* ħalli huwa jkun jista' jopera *kiosk* għall-bejgħ tal-ikel fl-inħawi ta' Triq Burmarrad, San Pawl il-Baħar. Permezz tal-ittra mibgħuta lilu mill-intimata, hawnhekk "l-appellata", **Awtorità tal-Artijiet**, ir-rikorrent ġie mgħarraf li f'dak il-post m'hemmx bżonn ta' *kiosk* ieħor għaliex f'dawk l-inħawi diġà jeżistu diversi stabbilimenti li jbigħu l-ikel, u anki għaliex *kiosk* fil-post propost minnu jista' joħloq perikolu għat-traffiku.

**Mertu**

3. Fid-19 ta' Awwissu, 2019 ir-rikorrent ppreżenta appell quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva mid-deċiżjoni tal-Bord tal-Gvernaturi tal-

Awtorità intimata, fejn qal li d-deċiżjoni tal-Bord hija nieqsa minn kull motivazzjoni, u għalhekk hija deċiżjoni arbitrarja li mhix ibbażata fuq il-liġi. Ir-rikorrent saħaq li dan sar bi ksur tas-subartikolu 2(h) tal-Kap. 490, li jistipula li d-deċiżjonijiet li jingħataw minn awtoritajiet amministrattivi għandhom ikunu mmotivati, u qal li l-ħtieġa li tali deċiżjonijiet ikunu mmotivati hija bbażata fuq il-prinċipju ta' smigħ xieraq. Qal ukoll li r-raġuni għar-rifjut mogħtija mill-Awtorità, jiġifieri li fl-inħawi m'hemmx il-ħtieġa ta' aktar *kiosks* minħabba li diġà hemm numru ta' stabbilimenti li jbigħu l-ikel, kif ukoll li *kiosk* fl-inħawi proposti jista' joħloq perikolu għat-traffiku, hija waħda 'qsajra' u żbaljata. Barra minn hekk ir-rikorrent qal li r-raġunijiet mogħtija mill-Awtorità intimata hija skorretta għaliex l-istruttura proposta minnu mhijiex ser ittellef jew tikkawża ostruzzjoni għat-traffiku. Qal ukoll li f'każ li huwa jingħata permess ipoġġi *kiosk* fil-post propost minnu, ser ikun qiegħed isir użu intelliġenti tal-ispazju, fattur dan li jista' jikkontribwixxi għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-post.

4. Fir-risposta tagħha l-Awtorità intimata qalet li d-deċiżjoni tal-Bord tal-Gvernaturi ttieħdet fl-interess pubbliku peress li fiż-żona inkwistjoni diġà hemm biżżejjed stabbilimenti tal-ikel u inħasset il-ħtieġa li ma jiġix ikkreat aktar periklu għat-traffiku f'żona li diġà hija traffikuża ħafna. L-Awtorità intimata qalet li hija applikat il-liġi u aġixxiet skont il-prinċipji amministrattivi, filwaqt li ssodisfat il-prinċipju ġenerali amministrattiv tar-raġonevolezza fid-deċiżjonijiet tagħha.

5. It-Tribunal sema' x-xhieda tal-**Perit Jesmond Mugliette**, li qal li huwa kien daħħal l-applikazzjoni f'isem ir-rikorrent sabiex dan ikun jista' jopera *kiosk* f'żona partikolari. Il-Perit Mugliette ħa ħsieb li l-proposta għal dan l-iżvilupp issir f'sit fejn mhux ser jinħoloq ostakolu għat-traffiku. Ix-xhud qal li l-istruttura maħsuba għal dan il-*kiosk* hija tal-injam, sabiex tkun simili għal *kiosks* oħra permissibbli f'żoni turistiċi, u l-ħsieb tal-applikant kien li l-*kiosk* jitpoġġa b'tali mod li ma ttellifx l-ispazji għall-parkeġġ fit-triq inkwistjoni.

Ir-rikorrent **Kenneth Tabone** spjega li huwa jaħdem bħala *head chef,* u għalhekk tħajjar jibda jopera negozju li jkollu x'jaqsam mal-*catering.* Żied jgħid li għal dan l-iskop huwa talab il-permess tal-Awtorità tal-Artijiet sabiex ikun jista' jibda jopera *kiosk* fl-inħawi proposti minnu. Ir-rikorrent qal ukoll li huwa dam ftit idur u jfittex spazju adegwat, u kien ġieħ f'moħħu dan is-sit fid-daħla ta' San Pawl il-Baħar proprju għaliex m'hemmx *kiosks* oħra fl-inħawi. Għad-domandi li sarulu in kontroeżami, ir-rikorrent qal li huwa kien ippropona sit ieħor lill-Awtorità intimata, iżda lanqas dan is-sit l-ieħor ma kien ġie aċċettat mill-appellata.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

6. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fit-13 ta' Frar, 2020, it-Tribunal iddeċieda li jilqa' l-eċċezzjonijiet tal-Awtorità intimata, laqa' parzjalment l-appell tar-rikorrent billi rrevoka d-deċiżjoni appellata fir-rigward taċ-ċaħda tal-

applikazzjoni abbażi tal-fatt li ma hemmx bżonn *kiosks* oħra fl-akkwati, però żammha ferma inkwantu rifjutaha abbażi li tali *kiosk* jista' joħloq perikolu għat-traffiku, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Illi r-rikorrenti ħassu aggravat b'deċiżjoni tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet datata 19 ta' Lulju 2019 li permezz tagħha ġie nfurmat illi l-applikazzjoni tiegħu għal* no objection in principle *għal* kiosk for selling food at Part of Triq Burmarrad, San Pawl il-Baħar *kienet qiegħda tiġi miċħuda stante "li ma hemmx bżonn għal kiosk oħra f'dak l-ambjent peress li diġà jeżistu numru ta' stabbilimenti kummerċjali u tali kiosk tista' toħloq periklu tat-traffiku."*
>
> *Ir-rikorrent xehed illi huwa jaħdem fil-*catering *u għalhekk wara li għamel ftit riċerka ddeċieda li japplika biex iwaqqaf kiosk fuq l-art in kwistjoni għaliex irriżultalu li ma kienx hemm kiosks oħra fil-viċin u peress li ma kinitx ħa tinħoloq problema għat-traffiku. Da parti tiegħu, il-Perit Jesmond Mugliette, Perit inkarigat mir-rikorrent, xehed illi l-materjal maħsub għall-kiosk in kwistjoni kien wieħed tal-injam u bħala pożizzjoni poġġiha f'ġenb fejn deherlu li jkun hemm l-inqas telf ta' parkeġġ.*
>
> *Illi permezz tal-ewwel aggravju tiegħu r-rikorrent jisħaq illi d-deċiżjoni appellata ma fiha ebda spjegazzjoni jew motivazzjoni valida u jikkwota artikolu 2(h) tal-Kapitolu 490 tal-Liġijiet ta' Malta liema Kapitolu jirregola, fost oħrajn l-imġiba ta'* ***tribunali amministrattivi.*** *Illi dan it-Tribunal jirrileva illi l-Bord tal-Gvernaturi tal-awtorità intimata ma huwiex "tribunal amministrattiv" u għalhekk artikolu 2 tal-Kapitolu 490 ma japplikax għalih. Madankollu, kif ingħad diversi drabi, deċiżjonijiet amministrattivi għandhom ikunu motivati ħalli min iħossu aggravat bid-deċiżjoni jifhem sew għala l-awtorità pubblika tkun waslet għad-deċiżjoni tagħha. Illi fil-każ odjern, it-Tribunal jidhirlu li d-deċiżjoni appellata hija motivata u għalkemm ma fihiex ħafna kliem, id-deċiżjoni hija waħda li tista' tinftiehem sew. Għaldaqstant dan l-aggravju qed jiġi miċħud.*
>
> *Għaldaqstant, issa t-Tribunal se jdur fuq it-tieni aggravju, u ċioe illi d-deċiżjoni appellata mhix waħda raġonevoli fiċ-ċirkostanzi u dana għaliex skont hu ma hemmx iktar kiosks fil-viċinanzi u l-vetturi li jistgħu jieqfu biex jixtru mill-istess kiosk għandhom spazju fejn jistgħu jieqfu mingħajr ma jtellfu l-flow tat-traffiku.*
>
> *Illi s-sit fejn hu propost il-kiosk in kwistjoni huwa fetħa li tagħti għal fuq triq prinċipali u traffikuża li tieħdok mir-*roundabout *ta' San Pawl il-Baħar għar-*

roundabout *ta' Tarġa Gap. Illi mis-*site plan *esebita mir-rikorrent jirriżulta illi l-art li qiegħed jitlob li jitpoġġa l-kiosk fuqha qiegħda f'kantuniera f'din il-wesgħa. Illi fir-risposta tagħha l-Awtorità intimata eċċepiet illi "huwa ċar li fiż-żona in kwistjoni diġà hemm stabbilimenti biżżejjed". Illi din l-asserzjoni bl-ebda mod ma ġiet ippruvata quddiem dan it-Tribunal u kwindi fiċ-ċirkostanzi, u fin-nuqqas ta' tali prova, dan it-Tribunal ma jsibx illi tali raġuni hija waħda ġustifikata. Illi t-tieni raġuni hija relatata mat-traffiku ġenerat fl-istess triq. Illi r-rikorrent jisħaq illi t-traffiku mhux ser jiġi mfixkel għax il-vetturi li jieqfu jistgħu jipparkjaw fil-fetħa biswit il-kiosk. Illi t-Tribunal isib li dan ir-raġunament ma tantx huwa wieħed reali għaliex filwaqt li huwa veru li fir-ritratti ppreżentati minnu a fol. 9 jidhru biss vettura u karru pparkjati fl-istess żona, ma jfissirx illi f'din il-fetħa ma jipparkjawx vetturi. Jekk dan is-sit ikollu vetturi pparkjati allura ma jkunx hemm wisq spazju fejn jistgħu jipparkjaw vetturi li jieqfu sakemm is-sidien tagħhom jinżlu jixtru, mingħajr ma jostakolaw il-karreġġjata tat-traffiku. Illi, għalhekk, fl-opinjoni tat-Tribunal, l-attività ġenerata mill-kiosk tista' toħloq perikolu kemm għal min jieqaf biex jixtri mill-kiosk, u dan billi jista' jkun li jrid iħalli l-vettura tiegħu pparkjata ħażin, u kif ukoll għall-vetturi li jkunu għaddejjin mill-istess triq stante li se jkun hemm vetturi li jipparkjaw ħażin, jiftħu l-bieba għal fuq il-karreġġjata minn fejn ikunu għaddejjin l-istess vetturi b'dan illi joħolqu perikolu għalihom u għall-istess vetturi.*

*Decide*

*Għaldaqstant it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq esposti, qiegħed jilqa' parzjalment l-appell tar-rikorrent in kwantu jirrevoka d-deċiżjoni appellata fir-rigward taċ-ċaħda tal-applikazzjoni abbażi tal-fatt li ma hemmx bżonn kiosks oħra fl-akwati, però jżommha ferma in kwantu jirrifjuta abbażi li tali kiosk jista' joħloq perikolu għat-traffiku u għaldaqstant jilqa' l-eċċezzjonijiet tal-Awtorità intimata in kwantu kompatibbli m' dak li ngħad hawn fuq.*

*Bl-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet."*

## <u>**L-Appell**</u>

7. Ir-rikorrent ippreżenta l-appell tiegħu minn din id-deċiżjoni fis-26 ta' Frar, 2020, fejn talab lil din il-Qorti sabiex,

> *"... jogħġobha tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn ċaħdet l-appell tal-esponenti abbażi tal-perikolu lit-traffiku u konsegwentement tilqgħu bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-Awtorità intimata."*

L-appellant jgħid li huwa jħoss ruħu aggravat bid-deċiżjoni tat-Tribunal għaliex l-Awtorità naqset milli ġġib biżżejjed provi li *kiosk* fil-post indikat mill-appellant ser joħloq perikolu għat-traffiku, kif ukoll għaliex minn eżami akkurat tad-disinn tal-*kiosk,* jirriżulta li l-*kiosk* mhux se jokkupa l-ispazju kollu, imma ser jitħalla spazju biżżejjed quddiemu u mal-ġnub tiegħu sabiex il-vetturi li jkunu jridu jieqfu jixtru mingħandu, jkunu jistgħu jagħmlu dan. L-appellant qal li huwa ħassu aggravat bid-deċiżjoni tat-Tribunal anki għaliex id-deċiżjoni appellata hija bbażata mhux fuq dak li hu minnu, imma fuq dak li jista' jkun. Qal li fil-parti deċiżiva tad-deċiżjoni appellata fil-fatt jintqal li "l-attività ġġenerata mill-*kiosk* tista' toħloq perikolu", minħabba fil-possibilità li diversi vetturi jipparkjaw ħażin, jew inkella minħabba l-possibilità li jkun hemm vetturi li jiftħu l-bieba għal fuq il-karreġġjata minn fejn ikunu għaddejjin vetturi oħra, b'tali mod li joħolqu perikolu għalihom u għall-vetturi l-oħra li jkunu għaddejjin mill-inħawi.

**<u>Ir-risposta tal-appell</u>**

8. Fir-risposta tagħha l-Awtorità appellata tistqarr li r-rikors tal-appell ma fih xejn ġdid, u tgħid li filwaqt li huwa minnu li din il-Qorti, bħala qorti ta' reviżjoni tista' twettaq rieżami akkurat tal-provi miġjuba quddiem l-ewwel qorti jew tribunal, jekk ikun hemm raġunijiet gravi li jimmeritaw dan, f'dan il-

każ aktar ma wieħed jidħol fil-provi, aktar jinduna li l-appellant m'għandux raġun. L-Awtorità appellata qalet li l-appell interpost mill-appellant huwa ripetizzjoni ta' dak li ntqal mill-appellant quddiem it-Tribunal. L-Awtorità appellata żiedet tgħid li l-appellant qiegħed jikkontesta ċ-ċaħda tar-rikjesta tiegħu lill-Awtorità għat-tieni darba, billi ressaq appell quddiem din il-Qorti, u żżid tgħid li l-Awtorità kienet konsistenti fir-raġunijiet tagħha għar-rifjut, u dejjem tat raġunijiet ċari u konċiżi għar-rifjut tagħha. L-appellata qalet ukoll li hija tat lill-appellant raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha skont l-obbligi amministrattivi tagħha. Żiedet tgħid li m'hemmx dubju li f'dan il-każ it-Tribunal għamel eżerċizzju ta' stħarriġ tad-diskrezzjoni użata mill-Awtorità sabiex jara jekk din ġietx eżerċitata fil-limiti tar-raġonevolezza u għal raġunijiet rilevanti għall-każ li kellha quddiemha. L-Awtorità appellata qalet li d-deċiżjoni tagħha ngħatat b'mod ġust u skont prinċipji amministrattivi, fil-limiti tad-diskrezzjoni tagħha u skont il-poteri mogħtija lilha bil-liġi. Qalet ukoll li bħala awtorità pubblika hija kellha l-jedd, jekk mhux ukoll l-obbligu, li teżamina l-potenzjal tal-preġudizzju ta' dak li kien qiegħed japplika għalih l-appellant fir-rigward taż-żona inkwistjoni, fil-limiti tad-diskrezzjoni tagħha u tal-parametri stabbiliti fil-liġi.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellant fid-dawl tar-risposta tal-Awtorità appellata u tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal fid-deċiżjoni appellata.

*L-aggravju:* *L-Awtorità intimata ma ġabet l-ebda prova li f'każ li l-*kiosk *jitpoġġa fil-post propost mill-appellant dan ser jikkawża problemi għat-traffiku*

9. L-appellant jgħid li l-Awtorità appellata ma ġabet l-ebda prova konkreta li jekk l-*kiosk* propost jitpoġġa fil-post indikat minnu, dan ser joħloq problemi ġodda għat-traffiku fl-inħawi, u għalhekk ladarba dak li qiegħda tibbaża ruħha fuqu l-Awtorità appellata jirriżulta li mhux ippruvat, ir-raġuni mogħtija minnha ma tistax titqies li hija ġustifikata. It-Tribunal wasal għall-konklużjoni li l-Awtorità appellata kienet ġustifikata fid-deċiżjoni tagħha fejn qalet li bl-attività ġġenerata mill-*kiosk* propost jista' jinħoloq periklu għat-traffiku, għaliex il-preżenza ta' *kiosk* fl-inħawi neċessarjament ser twassal biex diversi persuni jipparkjaw ħażin, jiftħu l-bieba tal-vettura tagħhom għal fuq il-karreġġjata minn fejn ikun għaddej it-traffiku, u ser jinħoloq periklu addizzjonali fi triq li diġà hi traffikuża.

Tqis li l-proposta tal-appellant hija sabiex jarma struttura li tista' titqies li hija temporanja ħalli minnha jiġġestixxi attività ekonomika marbuta mal-bejgħ ta' ikel u xorb. L-istruttura proposta hija waħda ta' daqs medju, u ma jirriżultax li din ser titpoġġa f'post fejn tista' tikkawża ostakolu għat-traffiku jew għall-viżjoni tas-sewwieqa fit-triq. L-appellant xehed li qabel issottometta l-proposta tiegħu lill-Awtorità appellata, huwa għamel eżerċizzju fejn evalwa għadd ta' siti li jistgħu jkunu ideali għalih fejn ikun jista' jarma *kiosk*. Huwa minn ewl id-dinja li *kiosk* tat-tip propost mill-appellant jitpoġġa f'żona li minnha jgħaddu diversi vetturi, trakkijiet tax-xogħol u persuni li waqt il-qadi tal-ġurnata, ikunu

jistgħu jieqfu jixtru xi ħaġa ta’ malajr u jibqgħu sejrin għal triqthom. Altrimenti l-attività ekonomika maħsuba mill-appellant ma tkunx tagħmel sens. Mill-provi jirriżulta li l-*kiosk* propost mill-appellant mhijiex xi struttura kbira, u mhijiex ser toħloq ostakolu għat-traffiku billi titpoġġa fil-ġenb tat-triq indikat minnu. Jirriżulta wkoll li fl-inħawi hemm parkeġġ għal vetturi li jżuru stabbilimenti oħra li nfetħu fl-inħawi fl-aħħar snin, u għalhekk bi ftit ħsieb tista’ tinħoloq sistema li permezz tagħha vetturi li jkunu jridu jieqfu għal ftit minuti sabiex jixtru mill-*kiosk* propost mill-appellant, ikunu jistgħu jieqfu mingħajr ma jikkawżaw periklu għal min ikun għaddej mit-triq.

Tqis illi hija diskutibbli l-konklużjoni li wasal għaliha t-Tribunal, li għaliex teżisti l-possibilità ta’ żieda fit-traffiku fl-inħawi, l-Awtorità appellata kienet ġustifikata fir-rifjut tagħha għat-talba tal-appellant. Irid jiġi ppreċiżat li l-appellant ippreżenta applikazzjoni lill-Awtorità tal-Artijiet bħala s-sid tal-artijiet pubbliċi, sabiex bħala ‘s-sid tal-art’ hija tgħid jekk għandhiex oġġezzjoni li l-art tintuża bil-mod propost mill-appellant. L-Awtorità permezz tal-Bord tal-Gvernaturi tagħha, waslet għall-konklużjoni li għandha toġġezzjona għal dak propost mill-appellant għaliex fl-inħawi hemm biżżejjed stabbilimenti kummerċjali, kif ukoll għax kienet tal-fehma li dak propost mill-appellant jista’ jikkawża problemi fl-immaniġġjar tat-traffiku fl-inħawi. It-Tribunal wasal għall-konklużjoni li r-raġuni mogħtija mill-Bord hija ġustifikazzjoni biżżejjed għar-rifjut tiegħu. Imma din il-Qorti hija tal-fehma li ladarba ma nġabet l-ebda prova konkreta permezz ta’ rapport tekniku, illi jekk l-appellant jitħalla jagħmel *kiosk* fil-post propost minnu, ser jiżdied it-traffiku u ser jiżdied il-periklu għat-traffiku

fl-inħawi, il-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità appellata ma jistax jitqies li huwa ġustifikat fir-rifjut tiegħu. L-Awtorità appellata kellha tikkonsulta mal-entitajiet pubbliċi addetti mill-immaniġġjar tat-traffiku, qabel tgħaddi għad-deċiżjoni tagħha dwar jekk bil-*kiosk* propost mill-appellant tabilħaqq jiżdiedx il-periklu għat-traffiku u dwar jekk jistgħux jittieħdu miżuri ta' mitigazzjoni sabiex jitnaqqas dan il-periklu. Barra minn hekk il-Bord iddeċieda li l-appellat m'għandux jingħata l-permess mitlub minnu għaliex fl-inħawi diġà hemm għadd ta' stabbilimenti oħra. Però l-Awtorità appellata ma ġabet ebda prova li ż-żieda tal-istabbilimenti fl-inħawi wasslet biex din iż-żona saret aktar perikoluża. Il-fatt waħdu li xi sewwieqa jistgħu jkunu traskurati jew negliġenti meta jieqfu ħdejn il-*kiosk* propost, m'għandux neċessarjament iwassal lill-awtorità appellata li tirrifjuta li tagħti n-*no objection* tagħha għal *kiosk* propost li jsir mill-appellant. Huwa għal dawn ir-raġunijiet ukoll, li r-rifjut tat-talba tal-appellant ma jistax jitqies li huwa wieħed raġonevoli.

Għar-raġunijiet imsemmija, tqis li l-aggravju tal-appellant huwa ġustifikat u tilqgħu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tilqa' l-appell tal-appellant u tħassar u tirrevoka dik il-parti tad-deċiżjoni appellata fejn ċaħdet l-appell tal-appellant abbażi tal-periklu għat-traffiku, u konsegwentement tħassar u tirrevoka wkoll id-deċiżjoni tal-**

**Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità appellata tad-19 ta' Lulju, 2019, li ġiet komunikata lill-appellant b'ittra tal-24 ta' Lulju, 2019.**

**Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-Awtorità appellata**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**